MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 993/2012

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Nru. 2638/2009 fl-ismijiet :**

**Joseph u Maria konjugi Sammut**
***kontra***
**Carmel u Mary konjugi Scerri**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta` Joseph Sammut u ohrajn tat-2 ta` Ottubru 2012;

Rat l-att, u cioe` l-ittra ufficjali li kienet prezentata bhala dokument flimkien mar-rikors, in partikolari r-referta a tergo ta` l-istess dokument a fol. 2, referta tad-19 ta` Settembru 2012;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta` Ottubru 2012;

Rat illi l-intimati kienu debitament notifikati bl-atti u pprezentaw risposta;

Rat ir-risposta ta` l-intimati, fejn taw spjegazzjoni ghala rrifjutaw in-notifika ta` l-att;

Billi mir-risposta ta` l-intimati qieghed jirrizulta illi skond l-intimati m`accettawx in-notifika ta` l-ittra ufficjali mhux b`kapricc izda ghaliex hasbu li ladarba l-ittra ufficjali kienet tmur lura ghall-2009, dik ma kinitx aktar valida, u allura ma kinux obbligati li jaccettawha;

Billi jirrizulta wkoll mill-istess risposta illi kienu qeghdin jaghtu ruhhom b`notifikati bl-att gudizzjarju in kwistjoni;

**Fic-cirkostanzi ghalhekk tqis l-ittra ufficjali tas-16 ta` Lulju 2009 bhala regolarment notifikata skond il-ligi fid-19 ta` Settembru 2012;**

**Tordna li l-ispejjez ta` dan il-procediment jibqghu kollha kemm huma a karigu ta` l-intimati Carmel u Mary konjugi Scerri.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------